MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1261/2009

**Rikors Numru 1261/09 SM**

**Boris Arcidiacono Limited**

**(C – 16463)**

**vs**

**Commercial Services Bureau (CSB) Limited**

**(C – 9053)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-23 ta' Dicembru, 2009, li permezz tieghu, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi fin-negozju taghha s-socjeta` rikorrenti kienet timporta sodod tal-marka "Tempur" mis-socjeta` *Dan-Foam ApS* u pultruni li jimteddu tad-ditta "Stressless" mis-socjeta` Ekornes AsA;

1.2 Illi r-relazzjoni kummercjali ma' dawn is-socjetajiet ilha stabbilita ghal diversi snin;

1.3 Illi s-socjeta` intimata tivvanta li taghti servizzi kummercjali partikolari, senjatament li taghti informazzjoni dwar il-qaghda finanzjarja ta' socjetajiet fil-kummerc;

1.4 Illi s-socjeta` intimata giet imqabbda taghmel dan l-ezercizzju mis-socjeta` Experian – Denmark fuq dik rikorrenti u dan, fuq talba tas-socjeta` Ekornes AsA;

1.5 Illi dan ir-rapport fuq il-livell kreditizju tas-socjeta` rikorrenti kien gie redatt u pprezentat permezz t'email datata t-28 ta' Jannar, 2008, (ara fol 10);

1.6 Illi s-socjeta` rikorrenti ma kienet taf xejn b'dan kollu u qatt ma giet ikkuntattjata fir-rigward;

1.7 Illi kopja tal-email fuq riferita giet pero` mghoddija lis-socjeta` rikorrenti minn rapprezentant tas-socjeta` estera Ekones AsA;

1.8 Illi dan ir-rapport gie ezeminat mis-socjeta` rikorrenti u instab li fih informazzjoni:

1.8.1. Zbaljata;

1.8.2. Hazina;

1.8.3. Inveritiera;

1.8.4. Mhux kompluta;

1.8.5. Denigranti;

1.9 Illi ghalhekk tali informazzjoni ikkagunat hsara kummercjali lis-socjeta` rikorrenti;

1.10 lli in-nuqqasijiet esposti fir-rikors guramentat promotur kollha ingabu a konjizzjoni tas-socjeta` intimata permezz ta' protest gudizzjarju, (ara fol 13 *et sequitur*);

1.11 Illi ghalkemm is-socjeta` intimata tirrikonoxxi li zbaljat f'xi analizi minnha kontott, xorta irrespingiet il-protest *de quo* (ara fol 21 *et sequitur*);

1.12 Illi s-socjeta` intimata ghalhekk giet interpellata permezz t'ittra ufficjali datata s-7 ta' Dicembru, 2009, (ara fol 24 *et sequitur*);

1.13 Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti intavolat din il-procedura biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.13.1.Tiddikjara u tiddeciedi li l-*credit status report* in dizamina jikkontjeni:

1.13.1.i. B'mod generali, informazzjoni zbaljata, hazina, inveritiera u mhux kompluta, dwar is-socjeta` rikorrenti;

1.13.1.ii. B'mod specifiku, kif dettaljatament indikat mis-socjeta` rikorrenti fil-paragrafi 24.2 sa 24.5;

1.13.2.Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi hatja u responsabbli ghad-danni ikkagunati lilha minhabba l-imsemmi rapport;

1.13.3.Bl-ispejjez kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur kontra l-istess socjeta` intimata;

2.0 Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata s-26 ta' Jannar, 2010, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1 Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

2.2 Illi r-rapport in dizamina kien wiehed kunfidenzjali kummissjonat minn socjeta` stabbilita fid-Danimarka;

2.3 Illi mhux minnu li r-rapport jiddenigra lis-socjeta` rikorrenti;

2.4 Illi r-rapport hu wiehed oggettiv u jirriproduci l-istat ta' fatt fil-mument tal-analisi;

2.5 Illi l-uniku inezattezza kontenuta fl-imsemmi rapport tirrigwarda ammont partikolati li kien indikat bhala rizultanti minn kawza deciza meta fil-fatt irrizulta li l-kawza kienet ghadha pendenti;

2.6 Illi din l-inezattezza mill-ewwel giet rikonoxxuta;

2.7 Illi mill-kumplament, ir-rapport *de quo* hu wiehed :

2.7.1. Oggettiv;

2.7.2. Gust,

2.7.3. Veritier; u

2.7.4. Jirrifletti stat ta' fatt;

2.8 Illi l-informazzjoni rapportata hi ta' dominju pubbliku;

2.9 Illi tirrespingi t-talba ghad-danni bhala infondata;

2.10. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha diversament presduta datat l-4 ta’ Marzu, 2010, li permezz tagighu hatret assistent gudizzjarju ghall-finijiet hemm indikati, (ara fol 35);

4. Rat id-digriet sussegwenti taghha wkoll diversament preseduta datat l-4 ta’ Mejju, 2011, li permezz taghha hatret perit legali hemm indikat ghall-finijiet hemm indikati, (ara fol 41);

5. Rat in-noti tal-kontendenti rispettivament datati t-30 t’April, 2013, u l-20 ta’ Gunju tal-istess sena, (ara fol 100 u fol 114 u 124);

6. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat it-3 ta’ Dicembru, 2013, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li l-perit legali involut giet elevata ghall-gudikatura u ghalhekk kienet prekluza milli tghaddi ghar-relazzjoni;

7. Illi fl-istess verbal fuq riferit infurmaw ukoll lill-qorti li stante li gia` kienu ipprezentaw is-sottomissjonijiet skritti taghhom fl-atti ta’ din il-procedura kien ghaqli u finanzjarjament komdu li l-qorti, li tghaddi ghad-decizjoni, (ara fol 129);

8. Semghet it-trattazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

10.0 Illi minn analisi tal-fatti migbura mill-koodjaturi legali fuq riferiti jista’ sintetikament jinghad is-segwenti:

10.1 Illi s-socjeta` intimata giet imqabbda tirredigi rapport fuq ir-rilevanza kummercjali u finanzjarja tas-socjeta` rikorrenti;

10.2 Illi l-ezercizzju taghha ibbazatu fuq informazzjoni li gia` kienet tezisti fid-dominju pubbliku;

10.3 Illi tali analizi hu wiehed importanti fil-kummerc u hu generalment uzat biex iserrah mohh l-investituri li jikkummissjonawh;

10.4 Illi ghalhekk tal-analizi jikkontiribwixxi ghas-serenita` fl-operat kummercjali in generali stante li min ma jirrizultax kapaci ma jkollux l-opportunita` jaghmel hsara b'mod partikolari lil min ikun qed jinnegozja mieghu, u b'mod partikolari lill-ekonomija fjen ikun qed jopera;

10.5 Illi l-analizi in dizamina gie redatt f'Jannar, 2008, fejn rizultat tal-investigazzjonijiet taghha is-socjeta` ntimata oggettivament irrizultalha li s-sitwazzjoni tas-socjeta` rikorrenti ma kinitx felici;

10.6 Illi ghalhekk l-istess socjeta` intimata ikkonkludiet li jekk kellu jigi konkluz xi negozju mas-socjeta` rikorrenti, dan kellu jigi arginat bil-kawteli kollha dovuti skont il-kaz;

10.7 Illi *di piu`*, minn ezami tal-*accounts* tas-socjeta` rikorrenti ghas-snin 1997 sal-2006, (bl-2002 u 2004) eskluzi), jirrizulta li kien hem lok ghal thassib billi is-socjeta` rikorrenti kellha djun ingenti, (ara fol 125);

10.8 Illi *in oltre*, l-istess *accounts* tas-socjeta` rikorrenti jirrizultaw li kienu kollha *qualified* – liema timbru jinghata mill-*accountants* u l-awdituri li jezaminaw l-istess, biex jikkawtelaw il-pozizzjoni taghhom stante li ma jihossuhomx certi li l-*accounts* minnhom ezaminati jkunu effettivament qed jirriflettu l-verita` tal-fatti;

10.9 Illi *di piu`*, irrizulta wkoll li s-socjeta` rikorrenti kellha dak imsejjah "*negative balance*" li konsegwentement, f'kaz ta' likwidazzjoni, xi kredituri tal-istess ma kienux ikunu jistghu jirkupraw dak lilhom dovut;

10.10. Illi *in oltre*, l-istess socjeta` rikorrenti kellha xi pendenzi mad-Dipartiment ta-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

10.11. Illi ghalkemm, *ex admissis* jirrizulta li kien hemm inezattezza wahda fir-relazzjoni tas-socjeta` intimata, din kienet *de minimis* u ghalhekk irrilevanti;

10.12. Illi kif ukoll issostni s-socjeta` intimata, ir-rapport taghha in dizamina jammonta biss ghal "parir" u xejn aktar;

10.13. Illi allura, is-socjeta` intimata hi ghal kollox estranea ghal kull azzjoni mehuda mis-socjeta` estera *de quo* fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

11. Illi tenut kont tas-suespost, ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` rikorrenti ma pprovatx il-kaz taghha skont il-ligi, stante li jirrizulta assodat li s-socjeta` intimata espletat l-obbligi taghha skont il-ligi u

fl-interess tas-serenita` tas-suq kummercjali internazzjonili fejn l-istess socjetajiet joperaw;

**DECIDE:**

12.0 Illi ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li takkolji r-risposta tas-socjeta` intimata:

12.1 Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

12.2 Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------